- KORREZZJONI FL-ATT TAT-TWELID -
- DIRETTUR REGISTRU PUBBLIKU –
- DATA TAT-TWELID -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 29**
**Citazzjoni Numru: 146/02/RCP**

**Alfred u Marianna Andreevna konjugi Camilleri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-esponenti zzewgu fit-22 ta' Dicembru 2001 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

Illi fic-certifikat taz-zwieg relattiv numru 2091/2001 (Dok A) hemm zball fis-sens illi d-data tat-twelid ta' Marianna Andreevna Camilleri xebba Osadchaya huwa indikat bhala "Mon 09 August 1982" meta fil-fatt hija twieldet fid-9 ta' Awissu 1978.

Illi dan jirrizulta mic-certifikat tat-twelid mahrug mid-Dipartiment ta' l-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Kushevsk, ir-regjun ta' Krasnoksrskiy, ir-Russja (Dok B) liema certifikat gie tradott ufficjalment fit-8 ta' Novembru 2001 mill-ambaxxata tal-Federazzjoni Russa, kopja tat-tradduzzjoni ufficjali tinsab esebita bhala Dok C.

L-istess atturi ghalhekk talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1) Tordna li ssir korrezzjoni fl-att taz-zwieg ta' l-esponenti numru 2091/2001 billi d-data tat-twelid ta' l-esponenti Marianna Andreevna Camilleri xebba Osadchaya jigi indikat bhala "Wed 09 August 1978" u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Marzu 2002.

Rat ir-rikors tal-atturi tat-18 ta' Marzu 2002 u d-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Marzu 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Registru Pubbliku fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi ghandu isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol 19 u 20 tal-process.

Rat il-verbal tallum fejn l-attrici ikkonfermat id-dikjarazzjoni attrici u d-dokumenti esebiti. Dr Susan Sciberras u l-konvenut imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat taz-zwieg ta' l-atturi, numru 2091/2001 *stante* li l-istess atturi qed isostnu li l-attrici twieldet fid-9 t'Awissu 1978 u mhux fid-9 t'Awissu 1982 kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat taz-Zwieg ta' l-istess atturi, fis-sens illi giet ndikata erronjament id-data tat-twelid ta' l-attrici bhala "Mon 09 August 1982", meta fil-fatt id-data korretta hija "Mon 09 August 1978".

Illi dan jinsab ikkonfermat mic-certifikat tat-twelid tal-attrici (Dokument B) u traduzzjoni ufficjali tal-istess (Dok C) li jindika li l-attrici fil-fatt twieldet fid-9 t'Awissu 1978 u mhux fid-9 t'Awissu 1982.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:-

1) Tordna li ssir korrezzjoni fl-att taz-zwieg ta' l-esponenti numru 2091/2001 billi d-data tat-twelid ta' l-esponenti Marianna Andreevna Camilleri xebba Osadchaya jigi indikat bhala "Wed 09 August 1978".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess atturi, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Mejju 2002**